MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 186/2009

**Shu La Zheng magħruf bħala Michael Zheng f'ismu proprju u f'isem *Shulimar Co. Limited*, u martu Maria Zheng Borg**

***Versus***

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

1. Din il-kawża hija dwar jekk ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tiswiex biex toħloq titolu esekuttiv.
2. L-atturi fissru illi b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Frar 2009 il-kummissarju konvenut sejħilhom għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406] biex iħallsu erbgħa u tletin elf, tliet mija u tmienja u sittin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€34,368.25) li qal li kellhom jagħtu taħt l-istess Att. Fl-ittra jissemma avviż għall-ħlas li kien intbagħat lill-atturi.
3. L-atturi jgħidu illi s-sejħa għall-ħlas magħmula bl-ittra uffiċjali ma toħloqx titolu esekuttiv, kemm għax l-

artikolu 66 tal-Kap. 406, li fuqu jistrieħ il-konvenut, ma joħloqx titolu esekuttiv, u kemm għax, fil-meritu, l-atturi ma għandhomx jagħtu dak li qiegħed jitlob mingħandhom il-konvenut.

4. L-atturi għalhekk, wara li għamlu oppożizzjoni għat-talba magħmula mill-konvenut fl-ittra uffiċjali, qegħdin jitolbu illi l-qorti tgħid illi l-istess ittra uffiċjali ma toħloqx titolu uffiċjali kontra tagħhom. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

5. Il-kummissarju konvenut wieġeb hekk:

i. hu qiegħed jistrieħ fuq l-art. 66 tal-Kap. 406 mhux bħala dak li jagħti saħħa ta' titolu esekuttiv lill-avviż li kien intbagħat lill-atturi iżda bħala dak li jżomm direttur responsabbli *in solidum* mas-soċjetà li tagħha hu direttur għall-ħlas tat-taxxa; u

ii. fil-meritu, ma huwiex minnu illi l-atturi ma għandhomx jagħtu dak mitlub mingħandhom.

6. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

i. B'avviż tal-1 ta' Lulju 2008[1] il-kummissarju konvenut sejjaħ lis-soċjetà attriċi *Shulimar Co. Limited* ["is-Soċjetà"] biex tħallas wieħed u tletin elf, disa' mija u wieħed u sittin euro (€31,961) bħala taxxa fuq il-valur miżjud. Dan l-avviż ma ntbagħatx ukoll lill-atturi l-oħra.

ii. B'ittra uffiċjali tal-20 ta' Frar 2009[2] il-kummissarju għall-għanijiet tal-art. 66 tal-Kap. 406 sejjaħ lis-Soċjetà u lill-attriċi Mary Zheng Borg biex iħallsu erbgħa u tletin elf, tliet mija u tmienja u sittin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€34,368.25) u wissiehom illi:

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklużivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat għall-ħlas.

7. Għalkemm fl-avviż stess ma jingħadx hekk, il-kummissarju konvenut illum igħid illi l-avviż tal-1 ta' Lulju 2008 intbagħat għall-għanijiet tal-art. 59(1) tal-Kap. 406, waqt illi l-ittra uffiċjali saret għall-għanijiet tal-art. 59(2):

**59.** (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna

---

[1] *Fol*. 15.
[2] *Fol*. 18.

għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju … … …

8. L-art. 66 imsemmi fl-ittra uffiċjali jgħid hekk fil-parti relevanti tiegħu:

**66.** (5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna. … … …

9. Id-debitriċi ewlenija tat-taxxa hija s-Soċjetà; l-attriċi Mary Zheng Borg issejħet biex tħallas bħala "rappreżentant" tas-Soċjetà, u għalhekk debitriċi *in solidum* flimkien mas-Soċjetà. Sewwa jgħid il-konvenut, għalhekk, illi t-titolu esekuttiv joħroġ mill-art. 59, mhux l-art. 66. Madankollu, ma għandux raġun l-intimat jippretendi illi t-titolu esekuttiv jiswa wkoll kontra l-attriċi Mary Zheng Borg bħala rappreżentant tas-Soċjetà debitriċi ladarba l-avviż tal-1 ta' Lulju 2008 ma kienx intbagħat ukoll lilha.

10. Dan joħroġ mir-rabta tal-kliem tal-art. 59(2). Dak is-sub-artikolu jgħid illi l-konvenut jista' jiġbor il-ħlas "wara jumejn min-notifika *lil dik il-persuna* ta' talba għall-ħlas" li ssir b'att ġudizzjarju. "Dik il-persuna" hija ovvjament referenza għall-"persuna" li tissemma' aktar 'il fuq fl-istess subartikolu, *viz.* il-persuna li għandha tħallas it-taxxa – li ma hijiex biss il-persuna reġistrata iżda wkoll ir-rappreżentanti tagħha għax dawn ukoll "għandhom iħallsu" t-taxxa – u referenza wkoll għal dik il-persuna li ma tkunx ħallset "fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna". Fil-każ tallum l-attriċi Zheng Borg hija persuna

li għandha tħallas it-taxxa iżda ma hijiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas; għalhekk, sakemm ma ssirx dik in-notifika lill-attriċi Zheng Borg u sakemm ma jgħaddix iż-żmien li trid il-liġi wara dik in-notifika, Zheng Borg ma hijiex persuna li kontra tagħha l-konvenut għandu titolu esekuttiv.

11. Dan igħodd ukoll, u iżjed u iżjed, għall-attur Zheng, li ma kien notifikat la bl-avviż taħt l-art. 59(1) u lanqas bl-att ġudizzjarju taħt l-art. 59(2).

12. It-talba safejn magħmula mill-atturi Zheng u Zheng Borg, għalhekk, għandha tintlaqa'.

13. Konsiderazzjonijiet oħra jgħoddu safejn it-talba hija magħmula kontra s-Soċjetà, li hija d-debitriċi ewlenija għall-ħlas tat-taxxa.

14. Is-Soċjetà kienet ressqet appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud taħt l-art. 43 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406] kontra stima maħruġa mill-konvenut. Wara li l-konvenut stess naqqas l-istima, il-bord b'deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' April 2008 ikkonferma l-istima mnaqqsa, il-penali u l-imgħax. Is-Soċjetà kellha jedd tappella minn dik id-deċiżjoni fuq punt ta' liġi, taħt l-art. 47(1) tal-Kap. 406, quddiem il-Qorti tal-Appell, iżda dak l-appell ma sarx u l-konvenut għalhekk ħareġ kontra s-Soċjetà l-avviż taħt l-art. 59(1) u l-att ġudizzjarju taħt l-art. 59(2).

15. Ladarba ma attakkatx l-istima bil-mezzi li tagħtiha l-liġi speċjali, is-Soċjetà ma tistax issa tattakkaha fil-meritu quddiem din il-qorti b'dawn il-proċeduri. Is-Soċjetà iżda qiegħda tgħid illi waqt is-smigħ tal-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kien hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ta' ħtiġijiet proċedurali obbligatorji, u għalhekk din il-qorti għandha setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Mill-premessi tar-rikors maħluf, iżda, jidher wisq ovvju illi din ma hijiex kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, u illi dak li qiegħda tfittex is-Soċjetà bil-proċeduri tallum hija illi tattakka l-istima tal-konvenut fil-meritu, ħaġa li, kif rajna, ma tistax tagħmilha bil-proċeduri tallum iżda bil-proċeduri li taħseb għalihom il-liġi speċjali, li s-Soċjetà ma nqdietx bihom. Is-Soċjetà ma tistax issa

tibdel in-natura ta’ din il-kawża tallum billi tikkonvertiha f’waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju ta’ għemil amministrattiv.

17. Is-Soċjetà tgħid ukoll illi t-titolu esekuttiv li jippretendi li għandu l-konvenut ma jiswiex għax ma mexiex kif irid l-art. 466 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. It-titolu esekuttiv tal-konvenut, iżda, huwa msejjes mhux fuq l-art. 466 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda fuq l-art. 59(1) u (2) tal-Kap. 406, u ma ntweriex li naqas milli jimxi kif iridu d-dispożizzonijiet tal-liġi li jgħoddu għall-każ.

19. Għal dawn ir-raġunijiet it-talba tas-Soċjetà ma tistax tintlaqa’.

20. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi Zheng u Zheng Borg *proprio*, u tgħid illi l-konvenut ma għandux titolu esekuttiv kontra dawn l-atturi, iżda tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi *Shulimar Co. Limited*. L-ispejjeż tal-atturi Zheng u Zheng Borg iħallashom il-konvenut; l-ispejjeż l-oħra tħallashom is-soċjetà attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------